**CCT/204/14/MS**

**Edwin u Pauline Cachia**

**vs**

**Tony Mifsud - Foam & Leather**

Illum 26 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2014;

Ra n-notifika tal- konvenut, minn fejn jirrizulta illi dan kien gie notifikat fit-22 ta' Ottubru 2014;

Ra illi l-konvenut baqa' kontumaci;

Ra' l-atti kollha processwali;

Sema lir-rikorrenti bil-gurament.

**Ikkunsidra;**

Illi jirrizulta mill-provi, illi fis-17 ta' Mejju 2008, ir-rikorrenti xtraw minghand il-konvenut saqqu tat-tip Permaflex ghall-amont ta' €323.90, b'garanzija ta' 12 - il sena. (Dok PC1)

Illi wara hames snin u ghaxar xhur, dan is-saqqu sofra danni; il-konvenut ghamel kuntatt mal-konvenut li rriferih ghand l-agent *Royal Bedding* - li kien ha s-saqqu jirrangah. Meta gie lura, is-saqqu kien aghar minn qabel. Meta r-rikorrenti regghu lmentaw mal-konvenut, rega' bghatthom ghand l-agent, izda minkejja diversi tentattivi biex jikkomunikaw mieghu, dan qatt ma gie.

Illi wara ezami akkurat tal-ircevuta u garanzija, it-Tribunal josserva illi wara x-xirja tas-saqqu, inholqot relazzjoni diretta bejn ir-rikorrenti u l-konvenut. Ma hemm l-ebda indikazzjoni illi hemm xi terzi involuti f'dan in-negozju. Jekk hemm, dan

qieghed bejn il-bejjiegh u s-*supplier* tieghu, liema supplier m'ghandu l-ebda relazzjoni diretta max-xerrej.

Illi l-konvenut seta' rrikorra ghal proceduri ulterjuri li kieku ried jissalvagwardja d-drittijiet tieghu - izda minn dan m'ghamel xejn, u di piu' l-anqas wiegeb fi zmien utli ghat-talba tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi**

Illi ghalhekk, fil-kontumacja tal-konvenut u peress illi t-Tribunal jidhirlu li t-talba tar-rikorrent hi fondata, tilqa' l-istess, tikkundanna l-konvenut illi jew jirrimpjazza s-saqqu b'iehor gdid tal-istess daqs u kwalita', jew ihallas lil rikorrenti l-ammont ta' €323.90, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**